MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1142/1998/1

**Mid-Med Bank p.l.c. u b'digriet tat-30 ta' Settembru 2013 l-isem gie mibdul ghal HSBC Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Carmelo u Maria Dolores Konjugi Sammut u Dorianne Marie Sammut**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici datata 26 ta' Mejju 1998 ipprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta, fejn esponiet: -

Illi l-bank attur permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Kummerc tat-3 ta' Gunju 1994 gie kanonizzat kreditur tal-konvenut Carmelo Sammut bhala direttur tas-socjeta` Testing Limited u ta' martu l-konvenuta Maria Dolores Sammut ghas-somma ta' Lm206,625.67c (mitejn u sitt elef, sitt mija

u hamsa u ghoxrin lira Maltin u sebgha u sittin centezmu *oltre* imghaxijiet;

Illi l-konvenuta Maria Dolores Sammut bl-iskop evidenti li teludi l-kreditu msemmi, permezz ta' kuntratt in atti Nutar Nicholas Vella pubblikat fis-27 ta' Jannar 1998 trasferit b' titolu gratwitu ossija ta' donazzjoni l-fond jismu Teodora, Triq Hal Niklusi s-Siggiewi lil bintha Dorianne Marie Sammut u zammet ghaliha u ghal zewgha d-dritt tal-abitazzjoni;

Illi kwindi dan il-kuntratt huwa annullabli *ai termini* tal-artiklu
1144 tal-Kodici Civili permezz ta' azzjoni pawljana;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tiddikjara null il-kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Jannar 1998 in atti Nutar Nicholas Vella bejn il-konvenuti fuq indikat;

2. Tappunta jum, hin u lok ghall-kuntratt ta' rexxissjoni u tinnomina Nutar biex jippublika l-att opportun u kuraturi biex jirrapprezentaw l-eventwali kontumaci fuq l-istess att.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni u b' riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tas-26 ta' Jannar 1999.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 26 ta' Novembru 1998 (fol 30) fejn esponew: -

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt *stante* illi mhux minnu illi l-konvenuta Maria Dolores, ittrasferit il-fond Teodora, Triq Hal Nikluzi, Siggiewi lil bintha l-konvenuta l-ohra Dorianne Marie Sammut, bl-iskop evidenti li teludi l-kreditu tas-socjeta` attrici.

2. Illi biex l-azzjoni tas-socjeta` attrici tista’ tirnexxi u kwindi jigi annullat il-kuntratt ta’ donazzjoni tas-27 ta’ Marzu 1998 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella jrid jigi ppruvat illi l-att in kwistjoni gie maghmul b'qerq mill-konvenuta bil-hsara ghal jeddijiet tas-socjeta` attrici.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota tas-socjeta` Mid-Med Bank p.l.c. datata 8 ta’ Novembru 1999 a fol 36 tal-process, illi b’ effett mill-1 ta’ Dicembru 1999 isimha ser isir HSBC Bank Malta p.l.c. datata 8 ta’ Novembru 1999 a fol 36 tal-process li permezz taghha *ai termini* tal-Artikolu 175 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceduri Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) tirrileva u ggib a formali konjizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti li b'rizoluzzjoni mehuda f’laqgha straordinarja tal-azzjonisti tas-socjeta' Mid-Med Bank p.l.c. tat-18 ta' Awwissu 1999 l-isem tas-socjeta' jinbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c. b'effett mill-1 ta' Dicembru 1999; u l-Qorti kif hekk illum presjeduta, bid-digriet taghha tat-30 ta’ Settembru 2013, laqghet it-talba u ordnat li l-isem jigi mibdul ghal HSBC Bank Malta p.l.c.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ta’ HSBC Bank Malta plc datata 28 ta’ April 2006 a fol 169 tal-process.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuti datata 31 ta’ Mejju 2006 a fol 197 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Gunju 2006 mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn deher Dr. Robert Mangion ghall-Bank attur li ddikjara li l-Bank ma fadallux sottomissjonijiet x’ jaghmel bi twegiba ghal dawk imressqa mill-konvenut fin-nota tieghu tal-31 ta’ Mejju 2006. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-14 ta’ Dicembru 2006; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha nkluz dak tas-seduta tad-29 ta’ Novembru 2012 fejn il-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-26 ta’ Marzu 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-26 ta’ April 2013 mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn b’ ordni tal-Qorti din il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Ottubru 2013 ghall-istess skop tal-verbal precedenti.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta` attrici qed titlob ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' donazzjoni ppubblikat min-Nutar Dottor Nicolas Vella fis-27 ta' Jannar 1998 li permezz tal-istess, il-konvenuta ttrasferit b'titolu gratuwitu lil bintha Dorianne Sammut il-fond bl-isem "*Teodora*" fi Triq Hal Niklusi, s-Siggiewi. Is-socjeta` attrici tikkontendi li dan l-att gratuwitu huwa frawdolenti u ntiz biex jigu eluzi d-drittijiet tal-istess socjeta' bankarja, li giet kanonizzata kreditrici tal-konjugi Sammut b'sentenza tal-Qorti tal-Kummerc moghti fit-3 ta' Gunju 1994, (**Dok A)** fis-somma ta' Lm206,625.67c.

Essenzjalment din l-azzjoni esperita mis-socjeta` hija l-*actio pauliana vel revocatoria ai termini* **tal-artikolu 1144 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Il-konvenuti cahdu dawn l-addebiti. Huma jghidu li kienu gja ttrasferew fond favur binhom u riedu jittrattaw lil uliedhom ugwalment f'kaz li jmut xi hadd minnhom u Maria Dolores Sammut ma kellhiex intenzjoni qarrieqa.

Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti. Il-Bank attrici kienet tat lis-socjeta` *Testing Limited* facilita' bankarja in forza ta’ diversi atti notarili ppubblikati min-Nutar Joseph Raphael Darmanin, rispettivament tas-17 ta' Lulju 1980 u tat-12 ta' Mejju 1982, min-Nutar Dottor Vincent Miceli fis-27 ta' Dicembru 1984, min-Nutar Dottor Joseph Tabone fis-7 ta' Gunju 1988 u min-Nutar Dottor John Gambin fit-8 ta' Awwissu 1987. Il-konvenuti odjerni Carmelo u Maria Dolores Sammut, kienu iggarantixxu dawn id-debiti solidalment mal-kumpanija msemmija. Bis-sentenza fuq citata, il-Bank gie kanonizzat kreditur kontra Carmelo u Maria Dolores Sammut, liema sentenza ghaddiet in

gudikat. Mill-att mertu ta' din il-kawza, esebit bhala "**Dok A"** (fol.13) jirrizulta li Maria Dolores Sammut ittrasferiet b'titolu ta' donazzjoni rrevokabbli lil bint il-kontendenti, Dorianne Marie Sammut, il-fond fuq deskritt kif soggett ghad-dritt ta' uzu *vita natural durante* taghha u ta' zewgha. Dan il-fond ippervjena ghand id-donanti minn wirt.

## Provi Prodotti

Il-Bank attrur ipprezenta kopji tar-ricerki tal-konvenuti kif ukoll *statement* ahhari dwar il-kreditu tieghu. Minn dan jirrizulta li l-konvenuti Sammut, f'Jannar 1998, l-uniku proprjeta' immobbiljari li kien ghad baqa' f'idejhom kien dak mertu ta' din il-kawza. Maria Dolores Sammut dehret bhala garanti solidali flimkien ma' zewgha favur il-Bank fuq hames kuntratti fejn globalment il-Bank ta facilitajiet ta' *circa* nofs miljun lira Maltija. Skont l-*istatement (fol 116)* l-ammont ta' kapital u imghaxijiet tela' ghal Lm327,950 fit-3 ta' Gunju 2002.

Xehdet **Maria Dolores Sammut**[1] u qalet li riedet thalli post ghat-tifla peress li kienu bieghu d-dar matrimonjali lit-tifel. Il-kuntratt mat-tifel kien sar xi 15-il sena qabel u kien issellef mill-Bank biex akkwista d-dar. Hi kienet taf li kien hemm inkwiet mal-Bank u li kien imdahhal zewgha minhabba n-negozju tal-kumpanija *Testing Limited.* Ikkonfermat li l-fond gie trasferit lil bintha b'donazzjoni u ma rceviet ebda flus. B' "inkwiet" riedet tfisser dejn mal-bank. **In kontro-ezami** spjegat li l-Bank kien qabad id-dar matrimonjali taghhom u binhom hallas parti mid-dejn tal-konvenuti. Rapprezentant tal-Bank kien prezenti fuq dak il-kuntratt. "*Nahseb li xi haga minn dak li kellu jiehu l-bank baqghet ma thallsitx.*".."*Ir-raguni ghaliex ahna konna qtajniha li nghaddu l-post lit-tifel kienet il-hsieb li parti mid-dejn jinqata' minn mal-bank*."

Ma eskludietx li l-Bank kien fadallu jithallas eluf wara l-bejgh tad-dar izda meta ghaddiet il-fond in kwistjoni lil bintha, kienet hasbet li ntlahaq arrangament mal-Bank.

[1] Fol.127 et seq.

Ukoll peress li wirtet dan il-fond, ma hasbitx li zewgha kellu x'jaqsam mieghu.

Xehdet **Dorianne Sciberras[2],** fejn xehdet li zzewget fl-1 ta' Gunju 2002 u kkonfermat li filwaqt li huha kellu jiehu d-dar matrimonjali tal-genituri taghha, hi kellha tiehu l-fond li ommha kienet wirtet. Ma nghatat ebda raguni ohra ghaliex saret id-donazzjoni. Gieli kienet tiffirma dokumenti jew tkun prezenti hi stess meta kien jigi l-Marixxall u gieli anke ommha. Dawn kienet tghaddihom lil missierha. Ommha kienet turi li kienet preokkupata minhabba l-ammont qawwi tad-dejn.

**Carmelo Sammut[3]** qal li kellu dejn ta' *circa* Lm200,000 mal-Bank li kien ha l-assi kollha bhala konsegwenza ta' dan, hlief id-dar li nbieghet lit-tifel taghhom b'self mill-bank. Martu wirtet il-fond mertu tal-kawza miz-zija taghha. Peress li ghadda hafna zmien hasbu li kien spicca l-inkwiet mal-bank. Hu kkonferma li binhom kien xtara d-dar matrimonjali tieghu u tal-mara b'Lm33,000. Minn barra dan il-fond, il-Bank kien biegh tliet proprjetajiet taghhom bis-subbasta. Wara dan il-kuntratt ma vverifikax mal-Bank kemm kien fadal dejn u sakemm ircevew ic-citazzjoni odjerna, ma rcieva xejn izjed mill-Bank - la *statements* u lanqas ittri. Madanakollu kien jaf bil-kawza u sentenza ottjenuta mill-Bank kontra *Testing Limited* u kontra l-konjugi Sammut. Hu fehem li ladarba ma rcevew xejn izjed mill-Bank allura spicca kollox, izda ma staqsa xejn lill-Bank.

**Konsiderazzjonijiet ta' Dritt**

Illi l-azzjoni li qed tigi proposta hija dik *ai termini* tal-**Artikolu 1144 tal-Kap 16** li tipprovdi illi*:-*

(1) *"Kull kreditur jista' wkoll, f'ismu, jattakka l'atti maghmula b'qerq mid-debitur bi hsara tal-jeddijiet tieghu, bla pregudizzju tal-jedd tal-konvenut ghall-eccezzjoni tal-beneficcju tal-eskussjoni taht id-dispozizzjonijiet tal-artikoli*

[2] Fol.129 et.seq.

[3] Xhieda a fol.130 et.seq.

*795 sa 801 tal-Kodici tal-Organizzazzioni u Procedura Civili."*

(3) *Jekk dawn l-atti jkunu b' titolu gratuwitu, biżżejjed li l-kreditur jipprova li kien hemm qerq min-naħa tad-debitur*."

Il-principji legali rigwardanti l-*actio pauliana vel revocatoria* huma stabbiliti fil-gurisprudenza u fid-dottrina u din il-Qorti ser taghmel riferenza ghall-uhud mis-sentenzi li ggwidaw il-Qrati taghna.

Huwa risaput li din l-azzjoni hija miftuha *"ghal kull min ghandu azzjoni x'jiddeduci biex jirreklama l-adempiment ta' obbligazzjoni b'mod li jista' jisperixxi tali azzjoni kull min jinsab ippregudikat bil-fatt ta' haddiehor b'atti kompjuti mid-debitur"*[4]. Huwa rimedju generiku u komprensiv moghti lil kull kreditur biex dan jesigi dak li hu dovut lilu.[5]

Inoltre *"id-duttrina u l-gurisprudenza pero' ma jinsistux li huwa l-kreditur li jrid jezawrixxi r-rimedji kollha li ghandu kontra d-debitur, izda d-debitur jista', jekk irid, ixejjen l-azzjoni pauliana billi jindika lill-kreditur assi ohra tieghu li fuqhom il-kreditur jista' jesegwixxi. Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu hu insolvibbli.*[6]

Illi fis-sentenza **"Anna Bellia vs Victor Grech et" (A.C. 6 ta' Ottubru 1999)** gie ritenut illi tali "*Actio Pauliana*" ghandha zewg rekwiziti essenzjali u dawn jikkonsistu fl-elementi ta' frodi u dak tad-dannu derivanti mill-istess att rekriminat. In effetti l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell sostniet illi:-

"*Il-frode f'din l-azzjoni hi element ta' sostanza u objettiv u tista' timmanifesta ruhha taht diversi aspetti. Tista' tkun indiretta jew oggettiva u l-piz tal-prova jinkombi fuq min*

---

[4] PA (TM) ***Zammit Tabona Moira vs Silmer Limited et*** deciza 13 ta' Frar 2003; App.Civ. ***Vella Brigitte vs Vella Richard*** et deciza 27 ta' Frar 2003

[5] 11 App.Civ. ***Bongailas Marco vs Magri John*** et deciza 15.01.2002

[6] Qorti Kum. ***Hare vs Diacono*** deciza fid-29 ta' Marzu 1920 – Vol.XXIV.III.789;
PL. ***Adrian Borg nomine vs Agostino Sive Winston Carbone*** *(supra)****;***

*jallega l-frodi u jittenta l-azzjoni revokatorja, ghaliex il-frode fil-kuntratt ma jistax jigi prezunt. ld-dannu jista' jkun u generalment ikun attwali u cert, imma jista' jkun ukoll tali fl-evidenza u certezza juri l-perikolu tan-nuqqas ta' garanziji tal-krediti. ld-dannu* jrid ikun idderiva direttament mill-att impunjat"'. **(Vol.XLV.I. 1.700).**[7]

llli fis-sentenza "**Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et**. (App. 10 ta' Jannar 1955 - XXXVIII /XXXlX.1.24) gie ritenut illi l-azzjoni pawljana hija intiza sabiex "*tattakka l-attijiet maghmula b'qerq mid-debituri taghhom bi hsara tad-drittijiet taghhom, u tali azzjoni hija utilizzabbli biss mill-kredituri, b'dan li jehtieg li jkun jezisti kreditu favur l-attur*" (**Giorgi. Obblig. Vol.ll.para 263**). L-istess sentenza tkompli tghid illi "*mbaghad biex il-kreditur jkun jista' jezercita din l-azzjoni, hemm bzonn ta' zewg elementi - l-"**eventus damni**" lill-kreditur domandanti, u l-"**consilium fraudis**" tad-debitur. U meta jittratta minn att b'titolu oneruz, anki l-komplicita' tat-terz kontraent - 'fraudis non ignorantia ex parte tertii*".

llli normalment il-kreditu ghandu jkun anterjuri ghall-att impunjat[8] imma din ir-regola lanqas hija assoluta, ghaliex tezisti l-ipotezi meta l-att frawdolenti jkun gie maghmul ghall-oggett preciz li jigu defrawdati l-kredituri futuri. (**Vol.XXVlll.i.254**). Tal-istess fehma huwa l-*Baudry* li hu tal-opinjoni li jekk il-frodi kienet antecedenti ghall-kreditu, tikkostitwixxi frodi pawliana. "S*e la frode e stata organizzata per nuocere a colore che contrattassero in seguito del debitore"* allura l-*actio pauliana* tista' tigi esperita b'success.[9]

## E. EVENTUS DAMNI

llli kwantu ghall-elementi tal-istess azzjoni fuq indikati, l-"*eventus damni*" skont is-sentenza fil-kaz "**Gio Maria**

---

[7] H.S.B.C.Bank (Malta) Plc. -v- Fenech Estates Company Ltd et. PA(RCP) dec. fil-19 ta' Jannar 2000

[8] **Giorgi.** lbid. para. 264 )

[9] VOL XII "Delle obligazioni (vol I )*Trattato Teorico Pratico di diritto civile* "P. 780

**Chircop vs Rosario Mifsud**" (P.A. 25 ta' Jannar 1954 - XXXVlII.ii.424.) jikkonsisti fil-fatt li d-debitur permezz tal-att tat-trasferiment impunjat, isir insolventi, jew almenu l-pozizzjoni tieghu ssir aghar minn dik li kienet qabel dak l-att, ghalhekk l-istess dannu jissarraf "*fil-pregudizzju li jsofri l-kreditur mill-fatt tad-debitur u l-pregudizzju jivverifika ruhu appuntu meta bil-fatt tieghu d-debitur jilledi d-dritt kreditorju"*. Id-domanda li trid issir ghall-fini tal-“eventus damni” hija din: bl-att jew bl-atti mpunjati, id-debitur ikun almenu ppeggjora l-pozizzjoni finanzjarja tieghu bi hsara tal-kreditur domandanti? Jekk it-twegiba hija fil-pozittiv, allura dan l-element ikun gie ppruvat.

Hu d-debitur li jrid juri li hu solvibbli, u mhux il-kreditur li jrid juri li d-debitur tieghu huwa nsolvibbli. Fi kliem iehor, il-ligi taghti lid-debitur, id-dritt li jeccepixxi l-*“beneficium escussionis”* billi, b’nota pprezentata fl-atti tal-kawza, jindika assi ohra ta’ valur sufficjenti biex taghmel tajjeb ghall-kreditu tal-attur. Jekk jirrizultaw assi sufficjenti, jonqos l-element tal-*eventus damni jew danni* li hu wiehed mill-elementi tal-azzjoni pauliana.[10]

## F. *CONSILIUM FRAUDIS*

Illi min-naha l-ohra permezz tal-*“consilium fraudis”* joperaw u jikkompletaw ruhhom vicendevolment il-volonta' u l-previzjoni **(Francis Grima vs Teresa Kelly** *et nomine* fl- Appell - 24 ta' Frar 1967) u dan l-element, fis-sentenza gia citata "**Anna Bellia vs Victor Grech et**" gie mfisser hekk -

"*Ghad-debitur il-'consilium fraudis’ jikkonsisti f’illi huwa jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu insolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut ossia jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibilita'. Ghat-terzi jirrikorri l-'consilium fraudis’ kull meta filwaqt li jkun qieghed jikkontratta mad-debitur, huwa jaf illi qieghed jaghmel negozju giuridiku li huwa ta' hsara ghall-kreditur* **(XXXIV.iii.851)**.”

[10] *PL Adrian Borg noe v Agostino sive Winston Carbone* PA TM 30.5.2002

Illi dan ma jfissirx illi hemm bzonn li jezisti "l-*animus nocendi*" sabiex tirnexxi l-azzjoni attrici, izda "*huwa bizzejjed li jkun hemm ix-xjenza u l-previzjoni li l-att sejjer ikun lesiv ghall-kreditur.*" **("Emmanuele Calleja vs Carmelo Grima et"** - 10 ta' Jannar 1995).

Din il-Qorti diversament presjeduta, fil-kaz **Brigitte Vella v Richard Vella et**[11] addottata fl-*intier* taghha mill-Qorti tal-Appell,[12] ghamlet anke referenza ghad-dottrina legali minn awturi fis-sens li "*imqar fejn att ikun sar b`ghan onest, fejn xorta wahda wiehed seta` jipprova li bl-effett tieghu dan ser jaghmel hsara lill-kredituri, hemm dejjem il-"consilium fraudis*". *Dan ghaliex min ikun jaf bl-effett ta' xi att, u b`danakollu jrid jaghmel dak l-att, allura jsegwi li huwa jrid ukoll dak l-effett, u dan ghaliex kif jelabora l-awtur* ***Solazzi*** *(ara "Revoca degli Atti Fraudolenti") "la rapprezentazione dell`effetto della propria azione costituisce il contenuto della volonta*`."

**Ikkonsidrat** li kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza *"**Camilleri vs Agius**"* deciza fit-23 ta' Novembru 1934, b'approvazzjoni tal-argumenti mressqa mill-*Baudry, "la frode pauliana diferisce notevolmente dal dolo, nel senso che non suppone come questo l'uso di manovre sleali. Non e' nemmeno necessario che il debitore abbia agito coll'intenzione di nuocere ai suoi creditori; basta che abbia avuto conoscenza del pregudizio che cagionava loro."*

Hekk ukoll l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza **"Pace vs Portanier"** deciza fid-29 ta' Marzu 1957, osservat *"illi l-intenzjoni frawdolenti tad-debitur hija prezunta meta huwa jkun ghamel l-att pregudizzjevoli ghall-kreditur filwaqt li kien jaf li gja kien insolvibbli, jew li jsir insolvibbli b'dak l-att; u din ix-xjenza da parti tieghu ghandha tigi facilment ammessa, billi hija inverosimili li wiehed ma jkunx edott mill-affarijiet tieghu sa dak il-punt".*

---

[11] *Brigitte Vella v Richard Vella et*. PA GV 26/10/2001.
[12] *Brigitte Vella v Richard Vella et*. App Civ. 27/2/2003.

## G. *PARTECIPATIO FRAUDIS*

Peress li l-att impunjat huwa att b'titolu gratuwitu, ma hemmx bzonn l-prova tal-*partecipatio fraudis* da parti ta' bint il-konjugi Sammut.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Applikati l-principji fuq enuncjati, jirrizulta li d-donanti, Maria Dolores Sammut, kienet dehret bhala garanti solidali flimkien ma' zewgha fuq ben hames kuntratti, fejn il-Bank kreditur ta facilitajiet bankari lis-socjeta` *Testing Limited,* bhala debitur principali fl-ammont li komplessivament lahaq nofs miljun lira Maltija. Jirrizulta li binhom kien xtara d-dar matrimonjali taghhom u l-prezz relattiv thallas lill-Bank akkont tad-dejn. Izda minkejja dan, u minkejja li l-Bank kien biegh in subbasta tliet proprjetajiet ohra tal-konjugi, xorta kien fadal id-dejn.

Carmelo Sammut xehed li wara l-bejgh tad-dar matrimonjali lil binhom u l-qbid tat-tliet proprjetajiet, ma rcieva xejn izjed mill-Bank u allura kienu hasbu li kien spicca kollox. Hu lanqas ghamel xi verifiki mal-Bank. Dan hu kontradett minn martu stess li xehdet li - "*Nahseb li xi haga min dak li kellu jiehu l-bank baqghet ma thallsitx."..."Ir-raguni ghaliex ahna konna qtajnieha li nghaddu l-post lit-tifel kienet il-hsieb li parti mid-dejn jinqata' minn mal-bank*."

Binthom ukoll qalet li ommha kienet tkun inkwetata hafna minhabba li d-dejn kien "*f'ammont qawwi."*

Il-Qorti hija konvinta li l-konvenuta ma kellhiex l-intenzjoni diretta li tqarraq lill-Bank, izda kif gja gie espost, sabiex jigi stabbilit il-*consilium fraudis* huwa bizzejjed li d-debitur jkun jaf li qieghed jirrendi ruhu nsolventi bis-sahha tal-att minnu kompjut ossia li jkun qieghed jidhol fil-kondizzjoni ta' insolvenza jew ta' minorata solvibbilta'. *Inoltre* mhux mehtieg ghall-kreditur li juri li d-debitur kellu l-*animus nocendi* ghaliex skont l-insenjament l-aktar assodat fil-Qrati taghna, anke fejn l-att impunjat ikun sar b'ghan

onest, dan l-element hu soddisfatt jekk d-debitur jkun jaf u jipprevedi li l-azzjoni tieghu ser taghmel hsara lill-kreditur tieghu. Ghalhekk is-sottomissjoni tentata mill-konvenuti dwar l-iskop li mmottiva lill-konvenuta (biex tittratta lil uliedhom ugwalment) mhix determinanti *ai fini* tal-element intenzjonali ta' din l-azzjoni.

Fil-kaz odjern, il-konvenuta kienet debitrici flimkien ma' zewgha tal-Bank u ghalhekk kellha twiegeb ghad-dejn bl-effetti kollha taghha, li jikkomprendu wkoll dak provvenjenti minn wirt. Kienet konsapevoli li dan id-dejn kien "*qawwi"* u li kien fadal eluf anke wara li binhom xtara l-fond matrimonjali. Hi kienet ikkontestat il-proceduri gudizzjarji li ttiehdu mill-Bank fis-sena 1992 li gew aggiudikati definittivament fis-sena 1994. Skont dik is-sentenza, (**Dok.A)** l-ammont ta’ dejn gie likwidat fis-somma ta' Lm206,625.67 flimkien mal-imghaxijiet legali bir-rata ta' 8% mit-23 ta' Settembru 1991. Mir-ricerki jirrizulta li l-bejgh in subbasta tal-fond matrimonjali gie ordnat wara din is-sentenza, fejn allura d-donanti kienet taf l-ammont li hallas binha (Lm33,900) zgur ma avvicina b'ebda mod il-portata shiha tal-kreditu dovut lill-Bank.[13] Huwa minnu li qalet li meta ghamlet l-att ta' donazzjoni, hasbet li kien intlahaq ftehim mal-Bank peress li ma rcevew xejn izjed. Din hija pjuttost inkredibbli tenut kont l-ammont dovut lill-Bank u x'effettivament kien thallas fuq dak l-ammont.

**Ikkonsidrat** li l-konvenuti ma offrew ebda proprjeta' in eskussjoni u ghalhekk ma wrewx li, minkejja l-att ta' donazzjoni, huma solvibbli. Difatti Carmelo Sammut qal li l-Bank qabad il-proprjeta' kollha taghhom, hlief id-dar matrimonjali li nbieghet lit-tifel, u l-fond mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk indubbjament l-att ta' donazzjoni kien leziv tad-drittijiet tal-Bank bhala kreditur. Il-Qorti m'ghandhiex dubju li meta l-konvenuta resqet fuq l-att ta' donazzjoni kienet taf li qieghda taghmilha mpossibbli ghall-Bank li jithallas minghandha bilanc dovut fuq id-dejn. Anzi fil-kliem tad-difensur tas-socjeta' attrici "*l-kuntratt ta'*

[13] I 19436/1996 a fol 99.

*donazzjoni impunjat mhux biss iddiminwixxa l-patrimonju tal-konvenuta izda addirittura anjentah."*

**Ikkonsidrat** ghar-ragunijiet fuq dedotti, li jissussistu l-elementi rikjesti mil-Ligi ghall-*actio pauliana* fil-konfront tal-att ta' donazzjoni mertu ta' din il-kawza.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, **tilqa'** it-talbiet kollha attrici kif dedotti billi:

1. **Tilqa' l-ewwel talba attrici** u tiddikjara null il-kuntratt ta' donazzjoni tas-27 ta' Jannar 1998 in atti Nutar Nicholas Vella bejn il-konvenuti kif indikat fic-citazzjoni;

2. Tinnomina lin-**Nutar Dr Henri Vassallo** sabiex jircievi u jippubblika l-att opportun ta' rexxissjoni, liema att ghandu jigi ppubblikat fl-edifizzju tal-Qrati Superjuri ta' Malta fil-hmistax (15) ta' Novembru 2013 f'nofsinhar; u **tinnomina** lil **Dr. Carlo Bisazza u lil Dr. Rachael Bonello** bhala kuraturi sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluzi l-ispejjez Notarili ghall-pubblikazzjoni tal-att ta' rexxissjoni u kancellament u ghall-iskrizzjoni tal-istess, u tal-kuraturi nominati, jithallsu mill-konvenuti Carmelo u Maria Dolores Sammut *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------